MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-8 ta' Mejju, 2003

Talba Numru. 694/2002/1

Carmel Vella
vs
Camela Contractors Limited

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta konvenuta ghall-hlas tas-somma ta’ Lm870 (tmien mija u sebghin lira Maltin) jew somma ohra verjuri rapprezentanti arretrati ta’ paga mid-9 ta’ Novembru, 2001 ’il quddiem, bl-ispejjez kollha, inkluz dawk tal-mandat ta‘ sekwestru kawtelatorju numru 567/02 u tal-mandat ta’ qbid kawtelatorju numru 568/02, u bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv kontra s-socjeta’ konvenuta li giet ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li s-socjeta konvenuta baqghet ma ipprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata;

Sema’ lill-Avv. Dr Chris Cilia jikkonferma bil-gurament tieghu li l-ammont ghadhu dovut;

Jiddeciedi billi jilqa t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lill-attur is-somma ta' Lm870 (tmien mija u sebghin lira Maltin) rapprezentanti arretrati ta' paga.

Bl-interessi mid-data tas-sentenza u bl-ispejjes skond il-ligi.

---------------------------------TMIEM---------------------------------